MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Numru 188/2006

Il-Pulizija
(spetturi Walter Spiteri u Joseph Mercieca)
vs
Frederick Balzia u ommissis

Illum 27 ta' Frar, 2006

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzati u dan talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Frar 2006 minn garaxijiet immarkati bin-numri 36, 59 u 62 fi Triq Dun Gorg Zammit, Birzebbugia, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur - li ma jeccedix l-elf lira maltin - u bil-hin.

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe il-bibien tat-tlett garaxxijiet in kwistjoni kif ukoll il-bieb ta' garaxx iehor bin-numru 61, fl-istess lok, ghad-dannu ta' sidien diversi, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin izda izjed minn ghaxar liri maltin.

L-imputat Frederick Balzia gie akkuzat, wahdu, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:
1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe f'karozza ta' l-ghamla Kia Avella, numru ta' registrazzjoni numru PUL 153 u f'mutur tal-ghamla Hyosunh numru ta' registrazzjoni LOR 125 ghad-dannu tal Lawrence Pulis liema hsara tiskorri l-hames mitt lira maltin.

Rat il-kunsens, kemm tal-Avukat Generali kif ukoll tal-akkuzati biex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzati minn jeddhom jammettu l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.
.
Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Issib lill-akkuzati hatja talli
1. Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Frar 2006 minn garaxijiet immarkati bin-numri 36, 59 u 62 fi Triq Dun Gorg Zammit, Birzebbugia, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serg hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira maltin, u bil-hin.

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe il-bibien tat-tlett garaxxijiet in kwistjoni kif ukol il-bieb ta' garaxx iehor bin-numru 61, fl-istess lok ghad-dannu ta' sidien diversi, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin izda izjed minn ghaxar liri maltin.

Issib lill-akkuzat Frederick Balzia hati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe f'karozza ta' l-ghamla Kia Avella, numru ta'

registrazzjoni numru PUL 153 u f'mutur tal-ghamla Hyosunh numru ta' registrazzjoni LOR 125 ghad-dannu tal Lawrence Pulis liema hsara tiskorri l-hames mitt lira maltin.

Rat l-artikoli 263 (a), 270, 325 (1), (a), (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati, u dak verbalizzat illum, minflok il-piena stabbilita mill-ligi, b'applikazzjoni l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta tordna li l-akkuzati jigu liberati bil-kudizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------